PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

20.3.2014

Is-Sur Vital Moreira
President
Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi legali għall-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni, bħala parti kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0568 – 2013/0273(NLE))

Għażiż,

Permezz ta' ittra bid-data 20 Frar 2014 inti tlabt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 37 tar-Regoli ta' Proċedura, sabiex jikkunsidra jekk kinitx valida l-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni hawn fuq imsemmija, in particular as regards the inclusion of Article 352 TFEU in the legal basis.

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni, bħala parti kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0568) kienet ippreżentat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 207 u l-Artikolu 352 TFUE inkonġunzjoni mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu, TFUE u kienet b'konsegwenza ta' hekk ippreżentata lill-Parlament ħalli jintalab il-kunsens tiegħu.

***Il-kuntest***

L-iskop tal-ftehim[1] bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino (li jmur lura għall-1991) hu li "titwaqqaf unjoni doganali bejn iż-żewġ Partijiet u tkun promossa koperazzjoni komprensiva bejniethom bl-iskop li tikkontribwixxi għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-Repubblika ta' San Marino u għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet" (Artikolu 1 tal-Ftehim).
Wara proposta tal-Kummissjoni tal-1991, il-Kunsill adotta, fl-2002[2], deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' Ftehim u Protokoll anness, wara t-tkabbir tal-1995. Ġew adottati deċiżjonijiet oħrajn tal-Kunsill fl-2005[3] u fl-2007 ħalli jkun adattat il-ftheim għat-tkabbir tal-2004 u dak tal-2007. Il-bażi ġuridika tat-tliet deċiżjonijiet tikkonsisti fl-Artikoli 133 KE u 308 KE, inkonġunzjoni mat-tieni sentenza tal-Artikolu 300(2) KE u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) KE.

Sabiex ikun hemm dispożizzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Kroazja wara d-dħul tagħha fl-Unjoni, fil-ftehim inkwestjoni l-Kummissjoni pproponiet, nhar it-2 ta' Awwissu 2013, deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar il-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-ftehima. Id-deċiżjoni proposta hi msejsa fuq l-Artikoli 207 u 352 tat-TFUE, inkonġunzjoni mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu tat-TFUE.

***Il-bażijiet ġuridiċi inkwestjoni***
1. Il-bażi ġuridika tal-proposta
Il-proposta hija msejsa fuq l-Artikoli 207 u 352 TFUE, li jgħidu kif ġej:

"Artikolu 207
1. Il-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, il-konklużjoni ta' ftehim tariffarji u dawk kummerċjali rigward il-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, u l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, l-investiment barrani dirett, il-kisba tal-uniformità fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni, il-politika dwar l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri għall-protezzjoni tal-kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' dumping jew sussidji. Il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

[1] Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, ĠU L 84, tal-28.3.2002, p. 43.
[2] ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2002/245/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar il-konklużjoni ta' ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-unjoni doganali bejn il-Komunitá Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino u tal-Protokoll tiegħu wara t-tkabbir li sar fl-1 ta' Jannar 1995 (ĠU L 84, 28.3.2002, p. 41).
[3] Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2005/663/KE tat-18 ta' Jannar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja, u tar-Repubblika tas-Slovakkja, in segwitu għall-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta’ regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.
3. Fejn ikun meħtieġ li jiġu negozjati u konklużi ftehim ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, għandu japplika l-Artikolu 218 suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali ta' dan l-Artikolu."

"Artikolu 352
Jekk tidher meħtieġa azzjoni tal-Unjoni, fil-qafas tal-politika definita fit-Trattati, għall-kisba ta' wieħed mill-objettivi previsti mit-Trattati, u t-Trattati ma jkunux stabbilixxew is-setgħat meħtieġa għal dan l-għan, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta d-dispożizzjonijiet xierqa. Meta l-Kunsill jadotta d-dispożizzjonijiet in kwistjoni skont il-proċedura leġislattiva speċjali, dan għandu jadottahom ukoll b'unanimità, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew".

L-Artikolu 218 TFUE fih id-dispożizzjonijiet dwar in-negozjazzjoni u l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali. Il-paragrafu 6, punt (a) jgħid kif ġej:

"6. Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Minbarra meta l-ftehim jikkonċerna esklużivament il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim:
(a) wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-każijiet li ġejjin:
[...]
(v) ftehim li jkopri l-oqsma li għalihom tapplika l-proċedura leġislattiva ordinarja jew il-proċedura leġislattiva speċjali meta tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
[...]"

L-Artikolu 218(8) tat-TFUE li hemm riferiment għalih ukoll fil-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tal-Kunsill hu marbut mar-rekwiżiti tal-votazzjoni fil-Kunsill.

<u>2. Il-bidla proposta għall-bażi ġuridika</u>
Saret talba mill-INTA għall-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar jekk hux tabilħaqq idonju li jkun inkluż l-Artikolu 352 TFUE fil-bażi ġuridika.

Minħabba fid-dubji dwar din il-materja, kienet ġa saret talba mill-INTA lill-Kummissjoni, b'ittra tas-27 ta' Novembru 2013, għal kjarifika kwantu għall-għażla tal-bażi ġuridika. Fir-risposta tagħha tal-20 ta' Diċembru 2013, ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Esteri u l-Politika ta' Sigurtà kienet ikkonfermat il-bażi ġuridika li tinkludi kemm l-Artikolu 207 TFUE kemm l-Artikolu 352 TFUE, l-aktar fuq il-bażi li kemm il-konklużjoni inizjali tal-ftehim kemm l-adattamenti għat-tkabbiriet preċedenti kienu bbażati fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' qabel, jiġifieri l-Artikoli 133 KE u 308 KE, tal-ewwel ikopri l-aspett doganali, tat-tieni l-aspett tal-koperazzjoni u dak soċjali tal-ftehim. Imur oltre l-limiti tal-eżerċizzju preżenti, li hu maħsub biss biex jadatta l-ftehim għad-dħul tal-Kroazja, li ssir analiżi tal-bażi ġuridika.

Saret talba mill-INTA għall-opinjoni tas-Servizz Legali dwar il-materja, li spjegat, f'nota datata 6 ta' Frar 2014, li l-Artikolu 352 TFUE ma għandux jiġi inkluż fil-bażi ġuridika tad-

deċiżjoni tal-Kunsill inkwestjoni, billi t-Trattat ta' Lisbona fih bażi ġuridika speċifika dwar il-koperazzjoni ekonomika ma' pajjiżi terzi fl-Artikolu 212 TFUE. Is-Servizz Legali jikkonkludi li l-Artikoli 207 u 212 TFUE għandu jkunu l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Artikolu 212 tat-TFUE jipprevedi kif ġej:
"1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattati, u b'mod partikolari dawk tal-Artikoli 208 sa 211, l-Unjoni għandha twettaq miżuri ta' koperazzjoni ekonomiċi, finanzjarji u dawk tekniċi, inkluża l-għajnuna, b'mod partikolari l-għajnuna finanzjarja, ma' pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw. Tali miżuri għandhom ikunu koerenti mal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni u għandhom jitwettqu fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tagħha. L-azzjonijiet tal-Unjoni u dawk tal-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin.
2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1. [...]"

B'dan bħala sfond, ingħata tagħrif mill-INTA lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali li ttieħdet id-deċiżjoni li tkun impunjata l-bażi ġuridika tal-proposta u tintalab opinjoni dwar l-idoneità tal-bażi ġuridika skont it-termini tal-Artikolu 37 tar-Regoli ta' Proċedura.

***Nota ta' analiżi***

1. Il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti

Tfaċċaw ċerti prinċipji mill-każistika tal-Qorti fir-rigward tal-għażla tal-bażi ġuridika. L-ewwel nett, minħabba l-konsegwenzi tal-bażi legali f'termini ta' kompetenza sostantiva u ta' proċedura, l-għażla ta' bażi legali korretta hi ta' importanza kostituzzjonali[1]. It-tieni, skont l-Artikolu 13(2) tat-Trattat UE, kull istituzzjoni għandha taġixxi fi ħdan il-limiti tal-poteri konferiti lilha mit-Trattat[2]. It-tielet, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, "l-għażla tal-bażi legali ta' att Komunitarju għandha tiġi bbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, fosthom, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att"[3]. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' bażijiet ġuridiċi multipli, jekk miżura tal-UE, meta tiġi eżaminata, turi li għandha skop doppju jew li għandha komponent doppju u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-iskop jew komponent ewlieni jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun biss inċidentali, l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti[4]. Min-naħa l-oħra, fejn miżura jkollha bosta għanijiet u komponenti fl-istess ħin li huma marbuta flimkien b'mod permanenti mingħajr ma jkunu sekondarji u indiretti fir-rispett tal-oħrajn, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq dispożizzjonijiet rilevanti u varji tat-Trattat[5].

[1] Opinjoni 2/00 Protokoll ta' Cartagena [2001] Ġabra I-9713, paragrafu 5; Il-Kawża C-370/97 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill [2009] E.C.R. I-8917, paragrafi 46-49; Opinjoni 1/08, Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi [2009], Ġabra I-11129, paragrafu 110.
[2] Il-Kawża C-403/05 Il-Parlament vs Il-Kummissjoni [2007] Ġabra I-9045, paragrafu 49, u l-każistika ċitata fiha.
[3] Ara l-aktar reċenti l-Kawża C-411/06 Kummissjoni vs Parlament u Kunsill [2009] Ġabra I-7585.
[4] Il-Kawża C-42/97 Il-Parlament vs Il-Kunsill [1999] E.C.R. I-868, paragrafi 39-40; Kawża C-36/98 Spanja vs Kunsill [2001] Ġabra I-779, paragrafu 59; Il-Kawża C-211/01 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill [2003] E.C.R. I-8913, paragrafi 39.
[5] Kawża C-165/87 Commission v Council [1988] E.C.R. 5545, para 11; Kawża C-178/03 Kummissjoni vs. Parlament Ewropew u Kunsill [2006] E.C.R. I-107, paragrafi 43-56.

2. Objettiv u kontenut tal-miżura

Billi l-iskop tad-deċiżjoni inkwestjoni hu l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll relevanti għan-nom tal-Unjoni, bl-adattament tal-ftehim għall-adeżjoni tal-Kroazja, dik id-deċiżjoni għandha tkun eżaminata flimkien mal-Ftehim[1].

Kif ingħad aktar 'il fuq, l-iskop tal-ftehim hu li titwaqqaf unjoni doganali u li tkun promoss il-koperazzjoni komprensive bejn iż-żewġ partijiet bl-iskop li jkun hemm kontribut għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' San Marino.

It-Titolu I tal-ftehim jistabbilixxi unjoni doganali, jiġifieri tariffa u ftehim ta' kummerċ bejn San Marino u l-Unjoni Ewropea, inkluż it-twaqqif ta' zona ta' kummerċ ħieles, u l-applikazzjoni ta' regoli komuni (UE) b'rabta ma' pajjiżi terzi. It-Titolu II tal-ftehim jismu "Koperazzjoni" u għandu l-objettiv li "jsaħħaħ ir-rabtiet eżistenti" (Artikolu 14) f'ċerti oqsma ta' prijorità, jiġifieri fis-setturi industrijali u tas-servizzi (Artikolu 15), il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent (Artikolu 16), is-settur tat-turiżmu (Artikolu 17) u f'dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjonijiet, l-informazzjoni u materji kulturali (Artikolu 18). It-Titolu III fl-aħħar nett jismu "Dispożizzjonijiet soċjali" u b'mod partikolari jiddisponi dwar il-moviment liberu tal-ħaddiem bejn l-Unjoni Ewropea u San Marino u n-non-diskriminazzjoni reċiproka tal-ħaddiema.

3. Bażi ġuridika xierqa

Donnu ma hemm l-ebda diżgwid li l-bażi ġuridika relevanti għal materji marbutin mal-unjoni doganali (Titolu I) hi l-Artikolu 207 TFUE (ġa Artikolu 133 KE), li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri li jiddefenixxi l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.

L-element għall-ftehim misjubin fit-Titolu II u III ma jinkwadrawx ruħhom fil-politika kummerċjali komuni billi jikkonċernaw il-koperazzjoni f'oqsma oħra għajr il-kummerċ, u l-moviment liberu tal-ħaddiema. Skont il-ġurisprudenza suċitata, ir-rikors għal bażi ġuridika addizzjoni jkun meħtieġ jekk dawn il-komponenti differenti jkunu ekwivalenti fil-piż għall-elementi tal-politika kummerċjali. Il-predominanza tal-element tal-unjoni doganali la tista' tkun inferita mid-definizzjoni tal-iskop tal-ftehim (l-Artikolu 1 jelenka l-iskopijiet differenti mingħajr ma jagħti piż lil kull skop partikolari) u lanqas mir-redazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim innifsu. Għaldaqstant, ir-rikors għal bażi ġuridika addizzjonali jkun neċessarju.

Issa, il-Kummissjoni qed tipproponi rikors għall-Artikolu 352 TFUE bħala bażi ġuridika addizzjonali. Skont il-ġurisprudenza aċċettata tal-Qorti, l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 352 hi b'dana kollu ġustifikata biss meta l-ebda dispożizzjoni oħra tat-Trattat ma tkun tagħti lill-Unjoni l-kompetenza neċessarja[2]. Il-bażi ġuridika speċifika li tista' tkun relevanti hawn hija l-Artikolu 212 tat-TFUE.

L-Artikolu 212 tat-TFUE jiddisponi dwar l-adozzjoni ta' "miżuri ekonomiċi, finanzjarji u ta’ kooperazzjoni teknika ma’ pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw"[3]. Il-miżuri

---

[1] Cf. Avukat Ġenerali Bot fl-opinjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2014 fil-Kawża C-658/11, para. 38.

[2] Kawża 45/86, il-Kummissjoni v. il-Kunsill [1987] , Ġabra 1493, para. 13. Kawża C-436/03 Parlament Ewropew v Kunsill [2006] Ġabra I-3733, paragrafi 36-46; Kawża C-166/03 Il-Parlament Ewropew v. il-Kunsill [2009], Ġabra I-7135, paras. 40-41.

[3] Ta' min wieħed isemmi li bażi ġuridika għal tali miżuri ta' koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ddaħħlet mit-Trattat ta' Nizza (ġa Artikolu 181 a KE) u serviet minn dak iż-żmien 'il hawn bħala bażi ġuridika għal sensiela sħiħa ta' miżuri li qabel kienu adottati a tenur tal-Artikolu 308 KE (issa Artikolu 352 TFUE),

ttrattati fit-Titolu II tal-ftehim, dwar il-koperazzjoni f'varji setturi, kjarament jikkwalifikaw bħala tali miżuri ta' koperazzjoni ai termini tal-Artikolu 212 TFUE.

Kwantu għall-miżuri dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema misjub fit-Titolu III tal-ftehim, is-Servizz Legali, fin-nota tiegħu tas-6 ta' Frar 2014, qajjem il-mistoqsija jekk l-Artikolu 45 TFUE dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema għandux jiżdied mal-bażi ġuridika[1], imma jikkonkludi li jista' jiġi argumetnat li dan l-aspett tal-ftehim hu kopert ukoll bil-koperazzjoni ekonomika kkontemplata fl-Artikolu 212 TFUE.

Żewġ aspetti addizzjonali jikkonfermaw li l-Artikolu 212 TFUE jkopri l-miżuri inkwestjoni: l-ewwel nett, l-aspett soċjali hu rifless fid-definizzjoni tal-iskop tal-ftehim (Artikolu 1) inkonġunzjoni mill-qrib mal-iżvilupp ekonomiku; ma hemm l-ebda tismija speċifika tal-moviment liberu u n-non-diskriminazzjoni tal-ħaddiema. It-tieni nett, hemm għaliex wieħed jinterpreta l-firxa tal-politika ta' koperazzjoni b'mod wiesa', billi l-Qorti rriteniet, hi u tiddetermina l-firxa tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni b'kuntrast mal-kompetenti tal-Istati Membri, li l-objettivi wesgħin tal-politika ta' koperazzjoni tippermetti li "l-miżuri meħtieġa għall-ksib tagħhom jittrattaw varjetà ta' miżuri speċifiċi"[2]. Hemm għaliex wieħed jargumenta - b'mod partikolari billi l-miżuri tal-politika ta' koperazzjoni jridu jkunu konsistenti mal-politika ta' żvilupp ai termini tal-Artikolu 212 TFUE - li tali approċċ wiesa' jkun japplika wkoll għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-varjetà ta' miżuri f'dan il-każ ikunu jinkludu l-moviment liberu u n-non-diskriminazzjoni tal-ħaddiema. Kwantu għat-Titolu III tal-ftehim, għalhekk ma jidhirx li hu neċessarju li jkun hemm rikors għal bażi ġuridika addizzjonali, kemm jekk tkun dispożizzjoni marbutin mal-moviment liberu tal-ħaddiema, bħalma hu l-Artikolu 45 TFUE[3] jew possibilment dispożizzjoni li tkun tikkonċerna l-adozzjoni ta' miżuri f'ċerti oqsma tal-politika komuni tal-immigrazzjoni bħalma hu l-Artikole 79 TFUE[4]. Billi l-Artikolu 212 TFUE ġa jkopri għalkollox il-miżuri inkwestjoni, hu irrelevanti jekk tali miżuri jikkwalifikawx bħala marbutin mal-politika tal-immigrazzjoni jew ma' dimensjoni esterna tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

Kollox ma' kollox, il-bażi ġuridika għad-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adattament tal-ftehim inkwestjoni għall-adeżjoni tal-Kroazjoni għandha tkun l-Artikoli 207 and 212 TFUE. Billi l-aspetti kollha tal-ftehim jistgħu jkunu koperti minn bażijiet ġuridiċi speċifiċi li hemm dispost dwar fit-Trattat, ma hemm l-ebda ħtieġa li wieħed jirrikorri għall-Artikolu 352 TFUE. Kull riferiment għall-ftehimiet ta' qabel u l-bażijiet ġuridiċi tagħhom - kif sar mill-Kummissjoni fl-

---

possibilment flimkien mal-Artikolu 113 KE (issa Artikolu 207 TFUE). It-Trattat ta' Lisbona allinja l-proċedura applikabbli (ġa konsultazzjoni tal-Parlament, issa proċedura leġiżlattiva ordinarja) mal-proċedura ġa applikabbli għall-miżuri ta' żvilupp ħalli tiġi rmedjata s-sitwazzjoni straordinarja li l-involviment tal-Parlament Ewropew ikun jiddependi mill-grad ta' żvilupp tal-pajjiż terz ikkonċernat.

[1] Paragrafu 26 tan-nota tas-Servizz Legali bid-data 6 ta' Frar 2014.

[2] Kawża C-268/94 *Repubblika Portugiża* v *Kunsill tal-Unjoni Ewropea* [1996] ECR I-6177, paragrafi 37 sa 39.

[3] Artikolu 45(1) tat-TFUE: "Għandu jkun żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni". L-Artikolu 46 TFUE jiddisponi li jkun hemm l-adozzjoni ta' ċerti miżuri mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

[4] Artikolu 79(1) tat-TFUE: "L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba sabiex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effikaċi tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda b' saħħa kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin." Il-paragrafu 2 jiddisponi li jkun hemm l-adozzjoni ta' ċerti miżuri mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

ittra tal-20 ta' Diċembru 2013 - irid jitqies bħala obsolet billi l-adozzjoni tad-deċiżjoni inkwestjoni jkun irid jissejjes fuq it-Trattati invigore l-lum il-ġurnata.

Din il-konklużjoni hi inlinja mal-konklużjoni tas-Servizz Legali fin-nota tiegħu tas-6 ta' Frar 2014. Is-Servizz Legali jirrakkomanda li l-Kunsill jintalab jimmodifika l-bażi ġuridika.

4. Aspetti proċedurali

Ta' min wieħed isemmi li l-bidla fil-bażi ġuridika ma twassalx għal bidla fl-involviment tal-Parlament f'dan il-każ: kemm bażi ġuridika magħmula mill-Artikoli 207 u 352 TFUE kif propost mill-Kummissjoni kemm bażi ġuridika magħmula mill-Artikoli 207 u 212 TFUE kif imressaq mis-Servizz Legali u fil-preżenti nota jwasslu, fil-kuntest tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali ai termini tal-Artikolu 218 TFUE, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE li jirrikjedi l-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Għal kull fini ta' kompletezza, għandu jingħad li jkun hemm differenza bejn iż-żewġ bażijiet ġuridiċi kwantu għall-votazzjoni fil-Kunsill: filwaqt li l-Artikoli 207 u 352 TFUE inkonġunzjoni mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu jkunu jirrikjedu l-unanimità fil-Kunsill, l-Artikoli 207 u 212 TFUE inkonġunzjoni mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(8), l-ewwel subparagrafu jkunu jirrikjedu li l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

F'kull każ, hu ċar li l-prinċipju tal-konferiment kif preskritt fl-Artikolu 5 TFUE bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni jirrikjedi definizzjoni ċara u speċifika tad-dispożizzjoni fit-Trattati li jagħtu l-kompetenza relevanti lill-Unjoni.

***Ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali***

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali kkunsidra din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tal-19 ta' Marzu 2014. F'din il-laqgħa, ġie deċiż, per konsegwenza, bl-unanimità[1], li ssir rakkomandazzjoni li l-bażi ġuridika xierqa għall-proposta għad-deċiżjoni inkwestjoni għandha tkun magħmula mill-Artikolu 207 u 212 TFUE. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali barra minn hekk approva r-rakkomandazzjoni tas-Servizz Legali fin-nota tiegħu tas-6 ta' Frar 2014 lill-INTA li l-Kunsill jintalab jimmodifika d-Deċiżjoni tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-bażi ġuridika qabelma l-Parlament jagħti l-kunsens tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Evelyn Regner

[1] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Evelyn Regner (Aġent President, rapporteur), Luigi Berlinguer, Françoise Castex (Viċi President), Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Annette Koewius, Eva Lichtenberger, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Axel Voss, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, u skont l-Artikolu 187(2)) tar-Regoli ta' Proċedura, Paolo Bartolozzi, Richard Howitt.